# IR-RIĦ ISFEL

*Ta*, Wallace Ph. Gulia

META jkun ir-riħ isfel għalxejn trewwaħ u tagħti bil-palju jew l-imrewħa. Ilma tkun u ilma tibqa'. Imdejjaq tkun u tiddejjaq iktar.

Kieku r-riħ isfel jiġi dejjem fi żmienu tgħid: "paċenzja!". Għal Settembru tkun ilek taħseb minn Jannar; u meta jibdew dawk il-jiem ta' tidlik, għalkemm idejquk, donnok tkun tiflaħ għalihom għax taf li kulħadd għandu tiegħu. Fejn naf, "Ma' l-għeneb u l-inbid", tgħid, "Settembru ġibilna r-riħ isfel". Imma meta jiġi fuqek ħabta u sabta, qisu l-bidu ta' xi influwenza jew xi puplesija, nghidu aħna fis-sħana ta' Lulju li tkun telgħet għal rasek, af li jagħmillek swied il-qalb, itellagħlek innervi, iġiegħlek tiġġieled, u meta tiġġieled x'aktarx tiżbalja u r-raġuni titlifha.

Tkun id-dar? Mill-ewwel tintebaħ li riħ isfel: ukoll il-"bonġu" tinbidel u kikkra kafè teħodha bla kliem u bla sliem għax kulħadd bil-buli. Toħroġ mid-dar? Hemm araha lis-Sinjura Hili (dik ta' fommha mitbuq); illum għandha xi tgħid ma' Doris, li kellha xi tgħid mal-qattusa tagħha li girfitilha riġlejha għax Tony, ferħ ta' seba' snin, kien taha ġirja biex iħarriġha għal meta tkun ġejja korrozza. Titla' l-karrozza b'libsa bajda għadha ġejja mill-mogħdija: Oqgħod attent taf, għax kollox idellek u ma tafx il-bank fihx xi tikka li tinħall bil-għaraq u taqbad mal-libsa tiegħek, bħall-istampi li fi tfulitna konna nħollu minn fuq karta u nqegħduhom f'oħra. U l-jum jibqa' għaddej mit-tajjeb għall-aħjar...... *crescendo* ta' hena u ferħ sakemm tagħlaq il-ġurnata titqalleb fuq il-mitraħ bla mistrieħ, trewwaħ bil-liżar, tqalleb l-imħaded, tintasab mal-art, tqum tixrob l-ilma frisk li jżidlek il-għaxqiet għammiela tal-għaraq dejjem ħiereġ bla mistrieħ!

Allahares tkun qed tistenna xi pjaċir minn għand xi ħadd f'jum sabiħ tar-riħ isfel. U nistħajjel għalhekk fl-uffiċċju tal-Gvern issib l-irdieden tar-riħ iduru dejjem, b'dak il-ħoss tagħhom meqjus qisu l-għaxwa ta' qattus fis-seba' sema. Għax tal-Gvern iridu jaqdu n-nies u n-nies jaħasra dejjem trid. Għal-

hekk tajjeb tkun quddiem *fun* itajjar ir-riħ b'kemm jiflaħ waqt li qed tara jekk Ċikku ħaqqux pensjoni, jekk is-Sur Karm għandux iħallas taxxa ikbar; jew jekk tilqax it-talba għal monopolju magħmula minn kumpannija ta' tnejn minn nies, taparsi *limited liability company*.

Igħidu li dan l-imbierek ta' riħ isfel huwa sħun għax ikun ġej mill-qalba ta' l-Affrika, minn nofs id-deżert Sahara, jaqsam il-Libja, u l-Marokk u arah, ferħan magħna! U billi minnu nnifsu niexef ... għax fis-Sahara inxif tax-xemx hemm u mhux gliegel tal-ilma ... inixxef il-ġilda u din biex tibred toħroġ il-għaraq li meta jevapora ikessaħ u jiffriska. Ir-riħ isfel, mela, jorbotna mal-Affrika u l-poeżija tal-ħajja musulmana u l-qilla selvaġġa tal-kukkudrill u l-għana jħannen għan-ngħas lis-suwed fuq ix-xtajta; bħalma r-riħ fuq jorbotna mal-Alpi u l-iġbla tan-Norveġja, il-poeżija ta' Dante, id-drammi ta' Ibsen u ċ-ċpar tal-pajjiżi ta' fuq. U jorbot mhux lilna biss, iżda lill-artijiet tal-Mediterran milqutin minnu, l-aktar l-Italja t'Isfel, l-Albanija, il-Jugoslavja u l-Greċja. F'Settembru li għadda kont Bari ... belt-port li tħares fuq l-Adrijatiku. Darba minnhom kien riħ isfel magħqud u l-ilma tal-Adrijatiku tilef ir-riħa tfuħ ta' baħar ħaj u rema nifsijiet moqżieża ta' ilma donnu qiegħed. U kulħadd jaf li Venezja, il-belt mibnija fuq il-baħar, mhux ta' min jaraha f'Settembru.

Għax, kos, fir-riħ isfel kollox jieħu sura ġdida ... Kollox jidher mod ieħor. Fil-fatt, kollox jibqa' kif kien minn dejjem: huwa l-moħħ tal-bniedem li jifhem il-ħwejjeġ mod ieħor taħt il-ħakma tar-riħ isfel. Jekk triq hija sabiħa, sabiħa tibqa', biss moħħok flimkien mal-ġmiel tat-triq ikun qed jara u jħoss il-ħedla tal-muskoli dgħajfin u ma jkunx jista' jifli bir-reqqa l-ġmiel li jkun qed jara. Imxi tul ix-Champs Elysee f'Pariġi fis-sagħtejn ta' bil-lejl: jitgħammxu għajnejk bid-dawl, bit-tul tat-triq, bl-egħjun ta' l-ilma, bid-dehra tal-bini, tal-Arc de Triomphe min-naħa u l-Place de la Concorde mill-oħra. Imbagħad ara għandekx ħila timxi bl-istess enerġija u bl-istess ħeġġa fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar f'jum sabiħ ta' Lulju.

Biss mhux kulħadd jintlaqat mir-riħ isfel xorta waħda. Hawn min l-inqas żiffa tteliftlu s-sabar u s-sliem u hawn min jibqa' jħabrek u jħawtel qisu mhux hu. Tammirahom nies bħal

dawn ta' l-aħhar. Jahasra inti trewwaħ u tgerger u tilminta u huma għaddejjin qisu mhux huma. Tibda tfantas li dawn innies għandhom l-isħaħar ma jidhrux irewħulhom bil-velijiet ta' Bagħdad u bil-palm taċ-Ċedron; tibda toħlom li xorbu xi duwa li tħarishom mir-riħ isfel kif l-allat kienu taw id-duwa lill-Ulisse meta kien riesaq lejn id-dar ta' Ċirċe; tibda taħseb li barra għalina dawn mhux nies ta' din l-art, iżda nies imdorrijin fis-sħana ta' taħt il-qoxra tal-art, ilsiera ta' Vulkani, u għalhekk ir-riħ isfel għalihom qisu r-riħ fuq għalina. U tibqa' sejjer tfantas u tfantas sakemm tintebaħ li waqt li inti ħlomt huma għamlu li kellhom jagħmlu u int għadek lanqas biss raddejt salib. U nies bħal dawn tassew ta' min jammirahom għax jogħlew il fuq mill-ambjent tagħhom u juru li huma sidien tagħhom infushom. Fejn naf, bin is-sengħa għandu nofsha u għalhekk li bin is-sengħa jitgħallimha u mhix xi ħaġa ta' min jibqa' mnixxef biha. Iżda ta' min jitnixxef bil-ħidma ta' dawk li mhumiex bin is-sengħa u li tgħallmuha u ħakmuha u għamluha tagħhom. U l-istess għan-nies li jaħdmu fir-riħ fuq u fir-riħ isfel.

Imbagħad issib filosofi li jgħidulek li l-moħħ tal-bniedem biss jeżisti. Iriduna nemmnu li d-dinja ta' madwarna hija biss fantażija. Mur obsor! Ara kieku l-bniedem kif ħeles mir-riħ isfel billi tajru minn ġo moħħu! Iktar filosfu, almenu iktar filosfu prattiku, dak li sab ir-rimedju għar-riħ isfel meta f'kelma waħda qal: "Tixrobx".